2026/2553

18.11.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2553

**tad-9 ta' Novembru 2026**

**dwar il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE (EMIR CCP)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2] ("il-Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista', fost l-oħrajn, jemenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] jenħtieġ li jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) L-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE għalhekk jenħtieġ jiġi emendat kif xieraq.

(5) Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IX (Servizzi finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.
[2] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.
[3] Ir-Regolament (UE) 2019/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi (ĠU L 322, 12.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2099/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2026.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. HARRIS

ABBOZZ

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru …/…**

**ta' …**

**li temenda l-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) tal-Ftehim ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta' CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiżi terzi ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Il-qafas tal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jistabbilixxi mekkaniżmu li bih l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ekwivalenza mill-Kummissjoni Ewropea, tingħata s-setgħa li tirrikonoxxi CCPs ta' pajjiż terz biex tali CCPs ikunu jistgħu jipprovdu servizzi lil entitajiet tal-Unjoni. Wara r-rikonoxximent ta' CCPs ta' pajjiż terz, l-ESMA tibqa' responsabbli biex tiżgura l-konformità kontinwa ta' dawk is-CCPs ta' pajjiżi terzi mar-rekwiżiti tal-Unjoni. Fost affarijiet oħra, l-ESMA għandha s-setgħa li timmonitorja l-oqfsa regolatorji ta' pajjiżi terzi, twettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fuq il-post, u timponi multi u penali. B'dan il-qafas inkorporat fil-Ftehim ŻEE, CCP ta' pajjiż terz ma tistax tiġi stabbilita fi Stat tal-EFTA b'mod awtomatiku. Madankollu, CCP ta' pajjiż terz jista' jkollha art jew bini tan-negozju li jkun jinsab fi Stat tal-EFTA jew li testernalizza ċerti servizzi jew attivitajiet lil parti terza stabbilita fi Stat tal-EFTA. Irrispettivament minn fejn tkun tali art, bini tan-negozju, jew partijiet terzi, huwa importanti għall-integrità u l-konsistenza tal-qafas tas-CCP ta' pajjiż terz skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 li l-awtorità tal-ESMA ma tiġix imminata anke meta l-oġġett tal-attivitajiet jew tad-dmirijiet tagħha jinvolvi entità stabbilita fi Stat tal-EFTA. Sabiex iżżomm l-awtorità tal-ESMA fir-rigward ta' CCPs ta' pajjiżi terzi, filwaqt li tirrispetta wkoll l-approċċ ibbilanċjat stabbilit fil-Ftehim ŻEE, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA jenħtieġ li twettaq biss id-dmirijiet u l-attivitajiet tagħha fl-Istati tal-EFTA f'kooperazzjoni sħiħa mal-ESMA. Kwalunkwe deċiżjoni li jenħtieġ tittieħed fir-rigward ta' dan il-qafas meta l-oġġett ikun entità stabbilita jew li tinsab fi Stat tal-EFTA jenħtieġ li tittieħed mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA abbażi ta' abbozz ta' deċiżjoni tal-ESMA.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt 31bc (ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat kif ġej:

(1) Jiżdied l-inċiż li ġej:

"— **32019 R 2099**: Ir-Regolament (UE) 2019/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 (ĠU L 322, 12.12.2019, p. 1)."

([1]) ĠU L 322, 12.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2099/oj.

(2) It-test tal-adattament (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-deċiżjonijiet, id-deċiżjonijiet interim, in-notifiki, is-sempliċi talbiet, ir-revoki ta' deċiżjonijiet, valutazzjonijiet tar-riskju u miżuri oħra mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA skont l-Artikoli 25f(1), 25h(4), 25k(1a), 49, 56(2), 58(1), 61(1), 62(3), 63(4), 64(5), 65(1), 66(1), 71 u 73(1), mingħajr dewmien bla bżonn, għandhom jiġu adottati fuq il-bażi ta' abbozzi mħejjija mill-ESMA fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA."

(3) It-test tal-adattament (j) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fl-Artikoli 18, 24a u 25, ir-referenzi għall-muniti tal-Unjoni għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu għall-muniti uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE."

(4) L-adattamenti li ġejjin jiżdiedu wara l-adattament (j):

"(ja) fl-Artikolu 25:

(i) fil-ħames subparagrafu tal-paragrafu 2b, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem 'bank ċentrali tal-ħruġ għandu jinforma wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill' għandu jinqara 'bank ċentrali tal-ħruġ għandu jinforma wkoll lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA';

(ii) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6b, il-kliem ', l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'il-Kummissjoni'.

(jb) fl-Artikolu 25c(2), il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt (g):

'(h) l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'

(jc) fl-Artikolu 25e, il-kliem 'jew lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'.

(jd) fl-Artikolu 25f:

(i) fil-paragrafu 1, il-kliem 'jew, fil-każ ta' partijiet terzi relatati li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fil-paragrafu 2, il-kliem 'jew l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA, kif ikun il-każ,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(iii) fil-paragrafu 3, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(iv) fil-paragrafu 3, il-punt (g), it-test li ġej għandu jiżdied wara r-‘Regolament (UE) Nru 1095/2010’:

‘, jew, fil-każ ta’ deċiżjoni meħuda mill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, id-dritt li d-deċiżjoni tiġi eżaminata mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta’ Awtorità ta’ Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.’;

(v) fil-paragrafu 5, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

‘L-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien żejjed, tibgħat l-informazzjoni li tirċievi skont dan l-Artikolu lill-ESMA.’

(je) fl-Artikolu 25g:

(i) is-sentenza li ġejja għandha tiżdied wara l-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

‘Fil-każ ta’ tali partijiet terzi relatati stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA tista’, f’kooperazzjoni mal-ESMA, twettaq l-investigazzjonijiet meħtieġa ta’ tali partijiet terzi relatati.’;

(ii) fit-tieni sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, u l-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, il-kliem ‘jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA f’kooperazzjoni mal-ESMA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(iii) is-subparagrafu li ġej għandu jiddaħħal fil-paragrafu 1:

‘Fil-każ ta’ tali partijiet terzi relatati li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA, uffiċjali tal-ESMA u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati li jassistu lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq ta’ dmirijietha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw f’investigazzjonijiet fuq talba tal-ESMA.’;

(jf) fl-Artikolu 25h:

(i) is-sentenza li ġejja għandha tiżdied wara l-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

‘Fil-każ ta’ bini tan-negozju, art jew proprjetà ta’ CCPs tal-Grad 2 u ta’ tali partijiet terzi relatati li jinsabu jew li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, f’kooperazzjoni mal-ESMA, tista’ twettaq l-ispezzjonijiet fuq il-post kollha meħtieġa ta’ dak il-bini tan-negozju, art jew proprjetà fi Stat tal-EFTA.’;

(ii) fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, il-kliem ‘, jew, skont il-każ, l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA, f’kooperazzjoni mal-ESMA’ għandu jiddaħħal wara l-kelma ‘ESMA’;

(iii) fil-paragrafu 2 tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, il-kliem ‘, jew, skont il-każ, tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-ewwel okkorrenzi tal-kelma ‘ESMA’;

(iv) fil-paragrafu 2, il-kliem ‘jew, skont il-każ, tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ għandu jiddaħħal wara l-ewwel okkorrenza tal-kelma ‘ESMA’;

(v) fil-paragrafu 2, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

‘Fil-każ ta’ tali bini tan-negozju, art u proprjetà relatati li jinsabu fi Stat tal-EFTA u li jkunu fis-sjieda ta’ persuni ġuridiċi soġġetti għal spezzjoni, l-uffiċjali tal-ESMA u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandhom ikunu intitolati li jassistu lill-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA fit-twettiq ta’ dmirijietha skont dan l-Artikolu u għandhom id-dritt li jipparteċipaw fi spezzjonijiet fuq il-post.’;

(vi) is-subparagrafu li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 4:

‘CCPs ta’ Grad 2 li għandhom bini tan-negozju, art jew proprjetà li jinsabu fi Stat tal-EFTA jew partijiet terzi relatati msemmija fil-paragrafu 1 li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA għandhom jissottomettu ruħhom għal spezzjonijiet fuq il-post ordnati b’deċiżjoni tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA. Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun valida biss għal dawk il-postijiet tan-negozju, art jew proprjetà li jinsabu fiżikament fi Stat tal-EFTA. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni, tiffissa d-data meta din għandha tibda u tindika l-pagament perjodiku ta’ penali previsti fl-Artikolu 25k, kif ukoll id-dritt li d-deċiżjoni tiġi riveduta mill-Qorti tal-EFTA skont l-Artikolu 36 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-Istabbiliment ta’ Awtorità ta’ Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja.’

(jg) fl-Artikolu 25k:

(i) il-paragrafu li ġej huwa inserit wara il-paragrafu 1:

‘1a. L-awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA għandha, permezz ta’ deċiżjoni, timponi ħlasijiet perjodiċi ta’ penali biex iġġiegħel lil parti terza relatata msemmija fl-Artikolu 25f(1) li tkun stabbilita fi Stat tal-EFTA tipprovdi informazzjoni kompluta li tkun intalbet permezz ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 25f’;

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 4, il-kliem ‘tal-ESMA’ u ‘ESMA’ għandhom jinqraw ‘tal-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’ u ‘l-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA’, rispettivament.

(jh) fl-Artikolu 25l:

(i) fil-paragrafu 1, għandhom jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin:

‘Qabel ma tħejji kwalunkwe abbozz għall-Awtorità ta’ Sorveljanza tal-EFTA dwar il-pagament perjodiku ta’ penali skont l-Artikolu 25k, l-ESMA għandha tagħti lill-persuni soġġetti għal proċedimenti, l-opportunità li jixhdu rigward is-sejbiet li tagħmel. L-ESMA għandha tibbaża l-abbozz tagħha biss fuq sejbiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċeduri kellhom opportunità li jikkummentaw.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha skont l-Artikolu 25k biss fuq konstatazzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

It-tielet u r-raba' subparagrafi ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta tkun meħtieġa azzjoni urġenti sabiex tiġi evitata ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'każ bħal dan, l-ESMA tista' tħejji abbozz u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tista' tadotta deċiżjoni interim. L-ESMA għandha tagħti lill-persuni kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu malajr kemm jista' jkun wara li tħejji tali abbozz.';

(ii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kliem 'il-fajl tal-ESMA' għandu jinqara 'il-fajl tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(iii) fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, fil-paragrafu 2, il-kliem 'id-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA' għandu jinqara 'id-dokumenti preparatorji interni tal-ESMA u tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA'.

(ji) fl-Artikolu 25m:

(i) fil-paragrafu 1, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tiddivulga wkoll lill-pubbliku kull penali perjodika li tkun imponiet skont l-Artikolu 25k tar-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-paragrafu fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' penali perjodiċi mill-ESMA.';

(ii) fil-paragrafu 3, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

'Meta l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tiddeċiedi li ma timponi l-ebda pagament ta' penali perjodiku skont l-Artikolu 25k fuq partijiet terzi relatati msemmija fl-Artikolu 25f(1) li jinsabu jew li huma stabbiliti fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tinforma lill-ESMA, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA kif xieraq u għandha tistabbilixxi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.';

(iii) fil-paragrafu 5, għandu jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:

'Il-Kumitat Permanenti tal-Istati tal-EFTA għandu jiddetermina l-allokazzjoni tal-ammonti tal-pagamenti perjodiċi ta' penali miġbura mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA.'

(jj) fl-Artikolu 49:

(i) fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 1a, il-kliem 'jew, fil-każ ta' CCP stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA';

(ii) fit-tielet sentenza tal-paragrafu 1a u fil-paragrafi 1b, 1d u 1e, il-kliem 'jew, fil-każ ta' CCP stabbilita fi Stat tal-EFTA, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) 2019/2099 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi …, dment li jsiru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE [2].

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi …, ….

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji*

*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

[2] [L-ebda rekwiżit kostituzzjonali mhu indikat.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]